



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-0629/2016**

11.5.2016

# **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-modi kif l-enerġija għat-trasport issir aktar ekoloġika

**Sophie Montel, Florian Philippot**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-modi kif l-enerġija għat-trasport issir aktar ekoloġika**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kummissjoni Ewropea neħħiet il-limitu minimu, li kien stabbilit fid-Direttiva tal-2008, ta' 10 % ta' enerġija rinnovabbli għat-trasport;
- B. billi t-tneħħija ta' dan il-limitu minimu bagħtet messaġġ ferm negattiv, fl-istess waqt li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma impenjati fil-ġlieda kontra t-tiżhin globali;
- C. billi l-ekoloġizzazzjoni tal-enerġija użata għat-trasport hi assolutament importanti biex niggarrantixxu s-sostenibbiltà tal-mudell tagħna, għalkemm jeħtieġ ikunu kkunsidrati l-konsegwenzi finanzjarji, partikolarment dawk fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-konsumaturi;
- 1. Jitlob lill-Kummissjoni tibda riflessjoni fuq l-ekoloġizzazzjoni tal-enerġija użata għat-trasport, filwaqt li tqis il-ħtieġa li tiffaħres il-kapaċità tal-akkwist.